MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru 420/2006

Il-Pulizija
(Spetturi Carmelo Magri u Joseph Mercieca)

vs

Nelson Jose' De Vella Seixas

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 49993(M), akkuzat talli:

1. fis-16 ta' Marzu, 2006, ghal habta tat-8:20 ta' fil-ghaxija minn Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EQZ018 ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija F.A. Ltd., liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu 2006 minn Triq l-Ghaqdiet tal-Haddiema, Bormla, kkommetta serq ta' parr pjanci tar-registrazzjoni bin-numru HBA592 li kienu fuq vettura tal-ghamla Peugeot Partner ghad-dannu tad-dirigenti tas-socjeta' "Netpro Ltd", liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2005 u l-1 ta' Jannar 2006 mill-fond bl-isem 'Farmhouse', Triq ix-Xoqqa, Birzebbugia, kkommetta serq ta' senter tal-marka 'Breda' bin-numru serjali 157911 u oggetti ohra ghad-dannu ta' Nazzareno Cachia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin;

4. fl-istess dati u cirkostanzi u fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. fis-26 ta' April ghal habta tas-2:15 ta' fil-ghodu fi Triq Ghajn Dwieli, Bormla, zamm u garr l-imsemmi senter u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulzija;

6. fl-istess data u cirkustanzi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

7. fl-istess data u cirkustanzi u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz;

8. fis-26 ta' April ghal habta tas-2.15 ta' filghodu u/jew f'xi zmien qabel, f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer saq vettura ta' l-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EQZ018 b'manjiera perikoluza u negligenti;

9. fl-istess data u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EQZ018 bla kont u b'sewqan aktar milli jmissu;

10. fl-istess data u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EQZ018 kontra diversi sinjali tat-traffiku indikati f'dawn l-inhawi;

11. fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EQZ018 habat ma' vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ROW682 u kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Rowena D'Amico;
12. fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' haris tar-regolamenti kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rowena D'Aico skond it-tabiba Joanna Pace mill-Isptar San Luqa;
13. fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Karen Muscat skond it-tabiba Joanna Pace mill-Isptar San Luqa;
14. fis-26 ta' April ghal habta tas-2:15 ta' filghodu u fil-granet ta' qabel din id-data, ghamel uzu mill-vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bil-pjanci foloz u cioe' bin-numru ta' registrazzjoni HBA592 li m'humiex registrati fuq l-istess vettura;
15. b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita' mill-ligi tapplika l-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 65 u li tiskwalifika lill-imputat mill-licenzi tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti skond l-Artikoli tal-ligi hemm citati dwar il-htijiet tal-imputat jew nuqqas taghhom jew f'xi whud minnhom;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza ssib il-qofol taghha meta fis-26 ta’ April, 2006, l-Pulizija fil-hinijiet bikrin ta’ filghodu, giehom suspett f’vettura tal-ghamla van Citroen Berlingo li kienet qed tinstaq vicin tal-Marsa. Is-sewwieq taghha, intimat biex jieqaf, minflokk accellera u harab minn fuq il-post bil-Pulizija jinsegwuh. Dan kellu l-fini tieghu meta l-van hareg minn triq laterali ghal fuq Triq Ghajn Dwieli u dahal f’vettura tal-ghamla Fiat Uno, numru ta’ registrazzjoni ROW682 misjuqa minn certa Rowena D’Amico li kellha passiggier maghha lil certa Karen Muscat. Per konsegwenza tal-habta z-zewg tfajliet wegghu b’D’Amico isofri griehi gravi minnhabba sfregju li sofriet f’wiccha. Il-vetturi koinvolti f’din il-habta sofrew danni irreparabbli. Mill-banda l-ohra l-malviventi fil-van, fil-mument tal-habta, kienu tnejn li mal-istess hargu mill-bieba tax-xellug, b’wicchom mghammad, u harbu jigru f’direzzjonijiet opposti. Kien l-imputat li spicca inqabat wara insegwiment qasir minn PC 545. Hu inzamm arrestat wara li kien ittiehed biex jigi immedikat minhabba xi griehi li kien sofra hekk kif kien qabez gholi ta’ zewg sulari waqt il-harba. Fuq indagni li saret fuq dan il-kaz irrizulta li l-van misjuq mill-malviventi, li kellu n-numru proprja tieghu ta’ registrazzjoni EQZ018, kien insteraq fis-16 ta’ Marzu ta’ dik l-istess sena mill-Hamrun waqt li l-pjanci bin-numru ta’ registrazzjoni HBA592, li bihom kien munit il-van fl-incident, kienu nsterqu f’xi hin qabel f’dik l-istess gurnata. Billi matul l-insegwiment wiehed mill-malviventi, li rrizulta li ma kienx l-imputat, kellu arma f’idejh u anka spara xi tiri fid-direzzjoni tal-Pulizija li gera warajh, saret wkoll indagni dwarha u rrizulta li kien senter tal-kaccja, licenzjat, izda li kien nsteraq minn razzett f’Birzebbugia lejliet l-ewwel tas-sena 2006.

Intant, ai termini tal-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

1. b’serq aggravat bil-mezz, valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa kontemplat bhala kontinwat stante li s-serqiet konnessi mal-kaz irrizultaw li kienu tlieta;
2. b’ricettazzjoni;
3. b’li kellu fil-pussess, jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn

fond minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. b’li ghamel uzu u saq vettura b’numru ta’ identita’ divers minn dak moghti minn Transport Malta u/jew gieghel, halla, jew ippermetta li jinsaq minn persuna sprovista minn licenzja tas-sewqan; ukoll ta’ sewqan bi traskuragni kbira jew b’mod perikoluz;

5. li saq vettura meta ma kinitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni jew gieghel jew halla li tinstaq minghajr din il-kopertura;

6. li kkaguna hsara involontarja konsegwenza tal-habta minhabba l-offiza gravi li sofriet l-imsemmija Rowena D’Amico konsistenti fi sfregju permanenti f’wiccha.

Ezaminati dawn fid-dawl tal-provi pprezentati fil-kors tal-proceduri jinghad li bhala fatt ‘per se’ is-serq bl-aggravji tieghu jirrizulta ampjament pruvat, wkoll jirrizulta ampjament pruvat li l-van instaq b’pjanci ta’ registrazzjoni differenti minn dawk lilu assenjati minn Trasport Malta b’hekk li fic-cert kien hemm mankanti l-kopertura ta’ assikurazzjoni li almenu tkopri r-riskji ta’ terzi persuni, li tirrizulta wkoll l-hsara involontarja kkagunata fil-habta mal-vettura Fiat Punto fl-liema wegghet gravi l-imsemmija Rowena D’Amico; wkoll jirrizulta ampjament is-sewqan b’traskuragni kbira u b’manjiera perikoluza.

Differentement, pero’, dak li ma jirrizultax fil-konfront tal-imputat odjern relattivament dawn l-akkuzi, hu li kien hu li seraq, li saq il-van u li per konsegwenza habat u ghamel hsara kemm fil-vettura koinvolta fil-habta u li allura kkaguna l-feriti gravi sofferti mill-imsemmija Rowena D’Amico.

Illi dawk minn fost l-imputazzjonijiet li din il-Qorti hi sodisfatta li jinsabu pruvati, huma, li kontra dan l-imputat jirrizultaw dawk l-imputazzjonijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kap 66 (l-Ordinanza dwar l-Armi qabel ma dahal fis-sehh l-Kap 480 li ssostitwih). Fil-kuntest ta’ dan hemm provi li juru li l-arma kienet fil-van u li l-imputat mhux biss ittanta jahrab izda li kellu wkoll wiccu mghammad. Ghalhekk, ser issibu hati fil-konfront ta’ dan u cioe’ talli fis-16 ta’ April

2006 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar flimkien ma' munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Rat l-Artikolu 3(1A) tal-Kap 66 u tikkundannah sentejn prigunerija.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, minnha nominat, u hadet qies tal-qaghda prezenti tal-imputat, u tordna li l-perjodu ta' prigunerija jibqa' sospiz ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghall-perjodu ta' erba' snin mill-lum sakemm f'dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fuq l-iskorta tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat ihallas nofs l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina tal-esperti konessi ma' dan il-kaz zmien xahar li jigi lilu notifikati mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------